

Brussell, 23 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12131/26
ADD 1

DENLEG 81
FOOD 109
SAN 610

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	22 ta' Lulju 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D115270/02 annex
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tal-idrokarburi aromatiċi taż-żjut minerali fl-ikel

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D115270/02 annex.

Mehmuż: D115270/02 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2023/2345 ANNEX
(POOL/E2/2023/2345/2345 EN
ANNEX.docx) D115270/02
[...](2026) XXX

ANNEX

ANNESS

tar-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tal-idrokarburi
aromatiċi taż-żjut minerali fl-ikel**

ANNESS

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

- (1) fit-Taqsima 5 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 2023/915 “Kontaminanti tal-ipproċessar”, tiżdied is-subtaqsima 5.5 “Idrokarburi Aromatiċi taż-Żjut Minerali”:

“

5,5	Idrokarburi Aromatiċi taż-Żjut Minerali ($\geq C_{10}$ sa $\leq C_{50}$)	Livell massimu (mg/kg)	Kummenti
5.5.1	Żrieragħ żejtnin u frott taż-żejt	2,0	
5.5.2	Xaħmijiet u żjut tal-annimali ⁽²⁾ u veġetali		Iż-żjut essenzzjali, il-lampante u ż-żejt grezz mir-residwi taż-żebbuġ mhumix inklużi f'din il-kategorija.
5.5.2,1	Iż-żjut tal-qamħirrum, tal-lift, tal-ġirasol, tal-fażola tas-sojja u taż-żerriegħa tal-kittien u l-butir u x-xaħam tal-ħalib.		
5.5.2.1.1	Iż-żjut tal-qamħirrum, tal-lift, tal-ġirasol, tal-fażola tas-sojja u tal-kittien u l-butir u x-xaħam tal-ħalib, għajr dawk elenkati taħt 5.5.2.1.2.	2,0	Din il-kategorija tinkludi ż-żjut li jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali jew li jintużaw bħala ingredjent fl-ikel.
5.5.2.1.2	Iż-żjut tal-qamħirrum, tal-lift, tal-ġirasol, tal-fażola tas-sojja u tal-kittien u l-butir u x-xaħam tal-ħalib li huma maħsuba għal aktar raffinar u li huma ttikkettati bħala tali.	2,0 minn 01/01/2030	

5.5.2,2	Iż-żjut tal-karawett, tal-ġulġlien, tal-ġewż tal-Indi, tan-nibbieta taċ-ċereali u tan-nuħħala taċ-ċereali.		
5.5.2.2.1	Iż-żjut tal-karawett, tal-ġulġlien, tal-ġewż tal-Indi, tan-nibbieta taċ-ċereali u tan-nuħħala taċ-ċereali, għajr dawk elenkati taħt 5.5.2.2.2.	6,0 minn 01/01/2027 4,0 minn 01/01/2028 2,0 minn 01/01/2030	Din il-kategorija tinkludi ż-żjut li jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali jew li jintużaw bħala ingredjent fl-ikel.
5.5.2.2.2	Iż-żjut tal-karawett, tal-ġulġlien, tal-ġewż tal-Indi, tan-nibbieta taċ-ċereali u tan-nuħħala taċ-ċereali li huma maħsuba għal aktar raffinar u li huma ttikkettati bħala tali.	2,0 minn 01/01/2030	
5.5.2.3	Iż-żjut taż-żerriegħa tal-ġheneb, taż-żerriegħa tal-qoton, taż-żerriegħa tar-ribes iswed u tal-argan.		
5.5.2.3.1	Iż-żjut taż-żerriegħa tal-ġheneb, taż-żerriegħa tal-qoton, taż-żerriegħa tar-ribes iswed u tal-argan, għajr dawk elenkati taħt 5.5.2.3.2.	10,0 minn 01/01/2027 5,0 minn 01/01/2028 2,0 minn 01/01/2030	Din il-kategorija tinkludi ż-żjut li jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali jew li jintużaw bħala ingredjent fl-ikel.
5.5.2.3.2	Iż-żjut taż-żerriegħa tal-ġheneb, taż-żerriegħa tal-qoton, taż-żerriegħa tar-ribes iswed u tal-argan li huma maħsuba għal aktar raffinar u huma ttikkettati bħala tali.	2,0 minn 01/01/2030	

5.5.2,4	Iż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ ⁽⁷⁾ u żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ ⁽⁷⁾	10,0 minn 01/03/2028 5,0 minn 01/03/2029 2,0 minn 01/01/2030	
5.5.2,5	Iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn u mill-alka		
5.5.2.5.1	Iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn u mill-alka, għajr dawk elenkati taħt 5.5.2.5.2.	10,0 minn 01/01/2027 5,0 minn 01/01/2030	Din il-kategorija tinkludi ż-żjut li jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali jew li jintużaw bħala ingredjent fl-ikel.
5.5.2.5.2	Iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn u mill-alka li huma maħsuba għal aktar raffinar u huma ttikkettati bħala tali.	5,0 minn 01/01/2030	
5.5.2,6	Iż-żjut taż-żebbuġa, għajr dawk elenkati taħt 5.5.2.4.	4,0 minn 01/03/2027 2,0 minn 01/01/2028	
5.5.2,7	Iż-żjut u x-xaħmijiet, għajr għal dawk elenkati taħt 5.5.2.1, 5.5.2.2, 5.5.2.3, 5.5.2.4, 5.5.2.5 u 5.5.2.6.		Din il-kategorija tinkludi l-butir tal-kawkaw ⁽¹⁴⁾ .
5.5.2.7.1	Iż-żjut u x-xaħmijiet, għajr għal dawk elenkati taħt 5.5.2.1, 5.5.2.2, 5.5.2.3, 5.5.2.4, 5.5.2.5, 5.5.2.6 u 5.5.2.7.2.	4,0 minn 01/01/2027 2,0 minn 01/01/2028	Din il-kategorija tinkludi ż-żjut li jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur finali jew li jintużaw bħala ingredjent fl-ikel.

5.5.2.7.2	Iż-żjut u x-xaħmijiet, għajr għal dawk elenkati taħt 5.5.2.1, 5.5.2.2, 5.5.2.3, 5.5.2.4, 5.2.5.5 u 5.5.2.6 u 5.5.2.7.2, u li huma maħsuba għal aktar raffinar u huma ttikkettati bħala tali.	2,0 minn 01/01/2030	
5.5.2,8	Il-prodotti derivati mix-xaħmijiet u miż-żjut elenkati taħt 5.5.2.1, 5.5.2.6 u 5.5.2.7 u l-prodotti li fihom > 50 % kontenut ta' xaħam/żejt, li fihom biss ix-xaħmijiet u ż-żjut elenkati taħt 5.5.2.1, 5.5.2.6 u 5.5.2.7.	2,0 minn 01/01/2028	Il-prodotti derivati mix-xaħmijiet u miż-żjut huma definiti bħala prodotti li fihom > 80 % ta' xaħmijiet u żjut. Il-kontenut ta' xaħam/żejt jirreferi għall-kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat jew, fin-nuqqas ta' kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat, għall-kontenut ta' xaħam/żejt kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti.
5.5.3	Ġewż tas-siġar	2,0	
5.5.4	Bus u ħemes	0,50	
5.5.5	Ħbub taċ-ċereali u prodotti derivati miċ-ċereali		Il-prodotti dderivati miċ-ċereali huma ddefiniti bħala prodotti li fihom > 80 % ta' prodotti taċ-ċereali, minbarra ż-żjut idderivati miċ-ċereali li għalihom japplikaw il-livelli massimi tal-kategorija 5.5.2. Il-livell massimu ma japplikax għaċ-ċereali użati għall-produzzjoni tal-birra jew tad-distillati, sakemm ir-residwu taċ-ċereali li jifdal ma jitqiegħedx fis-suq bħala ikel. F'każ li r-residwu taċ-ċereali li jifdal jitqiegħed fis-suq bħala ikel, japplika l-livell massimu, filwaqt li jitqies l-Artikolu 3(1), (2) u (4). Il-kontenut ta' xaħam/żejt jirreferi għall-kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat jew, fin-nuqqas ta' kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat, għall-kontenut ta' xaħam/żejt kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti.

5.5.5,1	Il-ħbub taċ-ċereali	0,50	
5.5.5,2	Il-prodotti derivati miċ-ċereali b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' < 4 %	0,50	
5.5.5,3	Il-prodotti derivati miċ-ċereali b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' $\geq 4\%$ u $\leq 50\%$	1,0	
5.5.6	Ħalib ⁽²⁾	0,50	
5.5.7	Prodotti tal-ħalib⁽²⁾ għajr dawk elenkati taħt 5.5.2.1		Il-kontenut ta' xaħam/żejt jirreferi għall-kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat jew, fin-nuqqas ta' kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat, għall-kontenut ta' xaħam/żejt kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti.
5.5.7,1	Il-prodotti b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' < 4 %	0,50	
5.5.7,2	Il-prodotti b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' $\geq 4\%$ u $\leq 50\%$	1,0	
5.5.7,3	Il-prodotti b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' > 50 %	2,0	
5.5.8	Żrieragħ tal-kawkaw u prodotti tal-kawkaw⁽¹⁴⁾		
5.5.8,1	Iż-żrieragħ tal-kawkaw	2,0 minn 01/01/2030	
5.5.8,2	Il-massa tal-kawkaw	2,0	
5.5.8,3	It-trab tal-kawkaw u t-trab tal-kawkaw b'xaħam imnaqqas	1,0	

5.5.9	Ħwawar, ħxejjex aromatiċi mnixxa, te xott u infużjonijiet erbali xotti li jintużaw bħala ingredjent fl-ikel, te istantanju xott u infużjonijiet erbali istantanji xotti	10,0 minn 01/01/2027 5,0 minn 01/01/2030	
5.5.10	Formuli tat-trabi⁽³⁾, formuli tal-prosekwiment⁽³⁾, formuli tat-tfal żgħar⁽⁴⁾, ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar⁽³⁾, ikel tat-trabi⁽³⁾, ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar⁽³⁾ u xarbiet għat-trabi u għat-tfal żgħar mqiegħda fis-suq u ttikkettati bħala tali		Il-kontenut ta' xaħam/żejt jirreferi għall-kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat jew, fin-nuqqas ta' kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat, għall-kontenut ta' xaħam/żejt kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti.
5.5.10,1	Il-prodotti b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' < 4 %	0,50	
5.5.10,2	Il-prodotti b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' ≥ 4 % u ≤ 50 %	1,0	
5.5.10,3	Il-prodotti b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' > 50 %	2,0	
5.5.11	Supplimenti tal-ikel	10,0 minn 01/01/2027 5,0 minn 01/01/2030	

5.5.12	Addittivi tal-ikel	-	L-addittivi tal-ikel prodotti minn żjut jew minn xaħmijiet għandhom jiġu prodotti minn żjut li jikkonformaw mal-livelli massimi stabbiliti skont dan ir-Regolament għaż-żjut u għax-xaħmijiet imqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali jew użati bħala ingredjent fl-ikel. Għall-addittivi tal-ikel prodotti minn ikel ieħor li għalih huwa stabbilit livell massimu skont dan ir-Regolament, l-ikel li jintuża bħala sors għandu jikkonforma mal-livelli massimi stabbiliti f'dan ir-Regolament.
5.5.13	Ikel ipproċessat u kompost li fih l-ingredjenti elenkati fil-kategoriji 5.5.1, 5.5.2, 5.5.3, 5.5.4, 5.5.5, 5.5.6, 5.5.7, 5.5.8, 5.5.9 u 5.5.12 u li ma jaqgħux taħt il-kategoriji 5.5.10, 5.5.11 u 5.5.14.		Il-kontenut ta' xaħam/żejt jirreferi għall-kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat jew, fin-nuqqas ta' kontenut ta' xaħam/żejt iddikjarat, għall-kontenut ta' xaħam/żejt kif iddeterminat mill-awtorità kompetenti. Għat-te u għall-infużjonijiet erbali, dawn il-livelli massimi japplikaw biss għat-te istantanju, għall-infużjonijiet erbali istantanji u għat-te u għall-infużjonijiet erbali li jintużaw bħala ingredjent fl-ikel u mhux għal te u infużjonijiet erbali oħra.
5.5.13,1	Il-prodotti b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' < 4 %	0,50 minn 01/01/2030	
5.5.13,2	Il-prodotti b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' ≥ 4 % u ≤ 50 %	1,0 minn 01/01/2030	
5.5.13,3	Il-prodotti b'kontenut ta' xaħam/żejt ta' > 50 %	2,0 minn 01/01/2030	

5.5.14	Ikel kompost li fih $\geq 15\%$ ta' ħwawar u/jew ta' ħxejjex aromatiċi mnixxfen u/jew te xott u li ma jaqax taħt il-kategorija 5.5.11.		
5.5.14,1	L-ikel kompost li fih $\geq 75\%$ ta' ħwawar u/jew ta' ħxejjex aromatiċi mnixxfen u/jew te xott.	5,0 minn 01/01/2030	
5.5.14,2	L-ikel kompost li fih $\geq 50\%$ u $< 75\%$ ta' ħwawar u/jew ta' ħxejjex aromatiċi mnixxfen u/jew te xott.	3,5 minn 01/01/2030	
5.5.14,3	L-ikel kompost li fih $\geq 15\%$ u $< 50\%$ ta' ħwawar u/jew ta' ħxejjex aromatiċi mnixxfen u/jew te xott.	2,0 minn 01/01/2030	

”

(2) fin-nota f'qiegħ il-paġna 1, it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Frott, ġewż tas-siġar, ħxejjex, ċereali, bus u ħemes, żrieragħ żejtnin, frott taż-żejt, infużjonijiet erbali, żrieragħ tal-kawkaw u ħwawar, kif elenkati fil-kategorija rilevanti kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj>). Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-ġewż tas-siġar mhumieks koperti mil-livell massimu għall-frott.”